**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 849/2023DC**

***MBM (Modern Building Methods) Limited (C44859)***

***vs***

*L-Avukat Dr Charmaine Cherret u l-PL Hilda Ellul Mercer nominati b'degriet ta'l-4 ta' Settembru 2023 bħala Kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lis-socjeta'*
***Recube MT Limited (C97515)***

Illum, 16 ta' Novembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta MBM (Modern Building Methods) Limited preżentat fit-3 ta' Awwissu 2023 permezz ta' liema ppremettiet is-sewgenti:

> *1. Illi s-soċjeta intimata Recube MT Limited (C97515) għandha tħallas lil MBM (Modern Building Methods) Limited (C44859) is-somma ta' seba' u erbgħin elf, tmien mija u wieħed u erbgħin ewro u erba' u għoxrin centezmu (Ewro 47.841.24), liema somma tirrappreżenta bilanċ mhux imħallas minn merkanzija mibjugħa lis-soċjeta konvenuta, kif jidher mill-istatement tad-ditta attriċi, hawn anness bħala dok "A;*

*2. Illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u dovut u għalkemm interpellata, anke uffiċjalment, is-soċjeta konvenuta intimata baqgħet inadempjenti;*

*3. Illi fil-fehma ta' tas-soċjeta' attriċi, is-soċjeta konvenuta intimata m'għandiex eċċezzjoni valida x'tagħti kontra din l-azzjoni u għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi sabiex it-talbiet tas-soċjeta attriċi jigu deċiżi bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi Tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);*

U wara li hekk ippremettiet, talbet is-segwenti:

*(1) Tgħaddi għas-sentenza bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

*(2) Tikkundanna lis-soċjeta konvenut tħallas lis-soċjeta rikorrenti MBM (Modern Building Methods) Limited s-somma minnha dovuta ta' seba' u erbgħin elf, tmien mija u wieħed u erbgħin ewro u erba' u għoxrin ċentezmu (Ewro 47,841.24), liema somma tirrapreħenta bilanċ mhux imħallas ta' merkanzija mibjugħa lis-soċjeta konvenuta mill-istess soċjeta attriċi.*

*Bl-ispejjez inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura kif jirrżulta mill-istatement hawn anness, kontra is-soċjeta intimata li hi minn issa nġunt għas-subizzjoni.*

Rat id-digriet ta'l-10 ta' Awwissu 2023[1] li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2023 u l-konvenuti nomine ġew ordnati sabiex jidhru dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet ta'l-attur kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] A fol 8.

Rat li l-konvenuti nomine ġew notifikati fil-5 ta' Ottubru 2023 u fit-2 ta' Ottubru 2023 rispettivament[2].

Rat li l-konvenuti nomine ppreżentaw nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[3] u waqt l-udjenza miżmuma llum dehret l-Avv Dr Charmaine Cherret u tat r-raġunijiet għalfejn għandhom jingħataw l-opportunita li jipprezentaw risposta ġuramentata u jopponu t-talba tas-soċjeta attriċi.

Rat li b'degriet mgħoti aktar kmieni llum il-Qorti iddecidiet li l-konvenuti nomine m'ghandhomx eċċezzjonijiet validi skond il-liġi xi jressaqu għat-talba tas-soċjeta' attriċi u għalhekk ċaħdet it-talba tagħhom sabiex jipprezentaw risposta ġuramentata.

Rat l-verbal ta'l-udjena miżmuma llum  meta s-soċjeta attriċi iddikjarat li l-pożizzjoni għada ma nbidlitx minn dak dikjarat fir-rikors ġuramentat.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi mir-rikors ġuramentat tas-soċjeta attriċi hekk kif maħluf, u l-atti hemm annessi, inkluż l-affidavit ta' Tonio Ciantar in rappreżentanza tas-soċjeta attriċi, jirriżulta li:

- Is-soċjeta Recube MT Limited xtrat merkanzija f'diversi konsenji mingħand is-soċjeta attriċi; rendikont ta'l-invoices relattivi hu anness mar-rikors promotorju[4].
- Il-prezz totali tal-merkanzija mibjugħa skond dan ir-rendikont huwa ta' sebgħa u erbgħin elf tmien mija u wieħed u erbgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€47,841.24).
- Is-soċjeta Recube Limited ġiet interpellata biex tħallas dak dovut iżda baqgħet inadempjenti.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet tas-soċjeta attriċi jidhru ġustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

[2] Ref riferta a fol 18.
[3] A fol 20.
[4] Ref  Dok A a fol 6.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet attriċi kif dedotti** u konsegwentement tikkundanna lis-soċjeta' Recube Limited tħallas is-somma ta' sebgħa u erbgħin elf tmien mija u wieħed u erbgħin Ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€47,841.24) b'l-imgħax legali u b'l-ispejjeż kontra s-soċjeta Recube Limited.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**